MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru. 164/2009

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber u Sp Priscilla Caruana)
vs
Ajideh Keib, iben Hatab, imwieled Tunis fid-29 ta' Jannar, 1975
u
Jalloul Boukathmi, iben Mohammed, imwieled Tunis fl-20 ta' Frar, 1982
u
Mohammed Ali, iben Daoba, imwieled Aryen Ait, Tunezija fil-5 ta' Awwissu, 1986
u
Hassan Sheir, iben Beshir, imwieled Tunis fis-6 ta' Lulju, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fid-19 ta' Frar, 2009, għal habta tal-11.00 a.m., fil-kumpless tad-detenzjoni ġewwa Lyster Barracks, Ħal-Far, volontarjament ħassru, għamlu ħsara u għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli u immobbli, fuq proprjeta' liema ħsara tammonta għal aktar minn €1,164.69 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxar min-nixes jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat għalkemm din il-ġemgħa ta' nixes ma kinitx ġiet imxewxa minn xi ħadd partikolari u aktar talli dak illi din il-miġemgħa ta' nixes kellha l-ħsieb li tagħmel, fil-fatt sar;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, inġurjaw jew heddew jew għamlu offiża fuq persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe' il-Kaptan Neil Hampton u Lieutenant Christian Zammit Cordina u diversi membri oħra ta' l-armata waqt li jkunu għamlu jew minħabba li kien għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzgħuhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu persuni nkarigati waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom b'xi mod ieħor bla jedd indaħlu fi dmirijiethom illi ma ħallewx lil ħaddieħor jagħmlu dak id-dmir skond il-liġi;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ikkaġunaw offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuni tal-Kaptan Neil Hampton u Lieutenant Christian Zammit Cordina skond ma ċċertifikat it-Tabiba Charmaine Fava taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ġabu ruħhom b'tali mod li kkaġunaw lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza meta huma kien jafu jew imisshom kien jafu li b'tali mġieba tagħhom se jikkaġunaw biża lil ħaddieħor;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kisru l-paċi pubblika u il-bon ordni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 325(1)(a), 68, 95(1), 338(dd)(ee), 221(1) u 251B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------